QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.d.**

**Appell Nru: 2076/2023**

**Il-Pulizja**

**Vs**

**Ramon Lautier**

**Jeanelle Lautier**

**Illum,17 ta' Ottubru,2024**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, **Ramon Lautier** detenur tal-karta tal-identita Maltija **145390M** u **Jeanelle Lautier** detenur tal-karta tal-identita Maltija **145390M** akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

**Jeanelle Lautier**, ta' tnejn u tletin (32) sena, bint Emanuel u Rita nee' Bugeja, imwielda, nhar it-tmienja (8) ta' Marzu tas-sena elf disa' mija u disgħin (1990), residenti ġewwa n-numru tnejn u għoxrin (22), Dragoste, Triq it-Tank Siggiewi u detentriċi tal-Karta ta' l-Identità numru 0145390M, kif ukoll **Ramon Lautier**, ta' ħamsa u tletin (35) sena, bin Raymond u Maria Lourdes nee' Camilleri, imwieled nhar it-tlieta u għoxrin (23) ta' Settembru tas-sena elf disa' mija u sebgħa u tmenin (1987), residenti ġewwa n-

numru tnejn u għoxrin (22), Dragoste, Triq it-Tank Siggiewi u detentur tal-Karta ta' l-Identità numru **0567187M**.

- Talli nhar il-ħamsa u għoxrin (25) ta' Frar tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023) għal ħabta tal-erbgħa u tnejn u għoxrin minuta ta' filgħodu (4:22 a.m.) u

- L-erbgħa u għoxrin (24) ta' Frar tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023) għal ħabta tal-ħdax ta' filgħaxija (11p.m.) ġewwa Triq It-Tank, is-Siġġiewi bil-lejl, volontarjament ksirt il-mistrieħ tan-nies bi ħsejjes jew għajjat jew b'mod ieħor.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ( Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta'nhar l-10 ta' April 2024, fejn sabet lil imputati ħatjin u imponiet ammenda ta' ħamsin ewro (€50), kif ukoll ordnat lill-appellanti sabiex ineħħu l-inkonvenjent, skond l-Artikolu 377(3) tal-Kodiċi Kriminali, fi żmien tliet (3) xhur mill-llum, taħt penali ta' ħames ewro (€5) kuljum fin-nuqqas.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellanti Ramon Lautier prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar l-24 ta' April 2024, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha tirriforma s-sentenza appellata u dana billi;

1. **Tħassar u tirrevoka** il-parti fejn l-appellanti instabu ħatjin u minflok tilliberahom min kull piena u ħtija; jew,
2. **Tikkonferma** l-parti tal-ħtija filwaqt li **tħassar u tirrevoka** il-parti tal-piena u tinfliggi piena aktar ekwa u gusta;

__**L-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:**__

Illi l-appellant ħassu aggravat mis-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati u għaldaqstant qiegħed jinterponi dan l-umli appell għal-kunsiderazzjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali;

## 1. <u>Interpretazzjoni legali żbaljata tal-provi prodotti</u>

Illi f'dan il-każ bħala evidenza hemm biss żewġ verżjonijiet u cioe' il-xiehda tal-Parte Civile u tal-appellanti;

Illi insintesi l-parte civile tenniet li allegatament l-akkużati kienu qegħdin jużaw il-*washing machine* u *tumble dryer* f'ħinijiet ta' mistrieħ liema tant jagħmlu ħsejjes li kienu qegħdin jiddisturbaw il-mistrieħ tal-istess Parte Civile.

Illi huwa verament importanti li wieħed jirrileva u jindika li l-Parte Civile wkoll tenniet li semgħat tkaxkir ta' ktajjen, liema wkoll iddisturba l-mistrieħ tal-istess parte civile.

Illi min naħa l-oħra xehed l-appellant, s-Sur Ramon Lautier fejn iddikjara li la hu u l-anqas l-mara tiegħu ma kienu qegħdin jużaw *l-washine machine* u *t-tumble dryer* fil-ħinijiet indikati mil-parte civile, u l-anqas ma ġarrew l-ebda ktajjen, u *kwindi* ma iddisturbaw l-ebda mistrieħ tal-parte civile.

### 1.1 <u>Nuqqas ta' identifikazzjoni tal-Aġent</u>

Illi *dato ma non concesso* li intużat il-*washing machine* u *tumble dryer*, ġialadarba hawn qegħdin f'indoli tal-liġi kriminali, huwa *sine quo non* li mingħajr dubju dettat mir-raġuni jrid jkun evidenzjat l-aġent ta' dak ir-reat. Hawnhekk kif qiegħed jintalab li jkun ipruvat l-*mens rea stante* li dan ir-reat huwa kontravenzjonali, *pero'* xorta waħda l-prosekuzzjoni trid t'evidenza l-persuna li qiegħda tikkommetti dak ir-reat.

Jingħat li bl-ebda mod ma ġie indikat mil-prosekuzzjoni min mil-persuni li kienu akkużati, la fil-kawża odjerna u l-anqas dik konnessa, allegatament ikkommetta r-reat mertu tal-każ. L-appellanti jemmen li fuq dan in-nuqqas biss, l-appellanti kellu jkun liberat min kull akkuża;

Illi fejn *si tratta* r-regoli li jiggvernaw l-andament tal-ko-akkużi, l-esponenti jemmen li dan ma japplikax għal każ in diżamina, *stante* li l-appellanti fix-xiehda tiegħu kien ċar u skjet li bl-ebda mod ma implika lil parti l-oħra, apparti il-fatt li hija l-mara tiegħu u ma qal xejn li jattratta imputabilita fil-konfront tagħha;

1.2 **<u>Nuqqas ta' Kredibilita' tal-Parte Civile</u>**

Illi mingħajr preġudizzju għal dak li ntqal qabel, l-appellanti jemmen li dak mistqar mil-parte civile ma kien għal xejn kredibbli, u dan aktar u aktar meta sabiex tagħti kulur u tipprova tikkonvinċi lil Maġistrat stqarret li kienet qiegħda tisma' wkoll tkaxkir ta' ktajjen. Dan jidher bil-wisq ċar li l-parte civile qiegħda tagħmel min kollox sabiex tagħmel dispett lil l-appelalnti u l-familja kollha, u għalhekk kellu raġun l-istess appellanti meta irrileva dan;

**1.3 <u>Nuqqas ta' Provi Oġġettivi</u>**

Illi l-Onor. Qorti tal-Maġistrati inċitat l-kawża Pulizija vs Fortun Fava, fejn l-Onor. Qorti tenniet li f'każijiet bħal dawn ma tarax in-neċessita' li wieħed jinnomina espert sabiex jipprovvdi l-livell ta' ħsejjes;

Illi il-ħsieb tal-Onor. Qorti tal-Appell Kriminali ma għandux jkun applikat b'mod dirett għal kull każ, *stante* li s-suġġettivita ma għandiex ssib konfort fil-liġi penali;

Illi filwaqt li huwa minnu li jekk jkun hemm ċirkostanzi partikolari bħala ma huwa il-mard ċertu ħsejjes jistaw jkunu moralment applifikati, pero' f'dan il-każ ma hemm xejn ta' eċċezzjoni, u allura il-każ in diżamina għandu jidħol fin-norma;

Illi ġialadarba dan huwa l-każ, anke tenut kont tal-verżjoni tal-parte civile, kien essenzjali li jkun hemm test xjentifiku biex jiġi determinat jekk il-ħsejjes humiex jikkoawżaw *"sunstantial incovienence and material discomfort"*;

Illi dan l-insenjament huwa wkoll abbroċat fil-deċiżjoni aktar riċenti tal-Qorti Tal-Maġistrati fl-ismijiet **il-Pulizija vs Karl Bonaċi**[1] fejn l-Onor. Qorti tenniet li

> *"Illi dwar in-natura tal-inkonvenjent u x'tifsira għandha legalment tingħata lil dan it-terminu, din il-Qorti tara li dak mistqarr mill-Imħallef William Harding fis-sentenza "Il-Pulizija vs. Anthony Cuschieri et"5 huwa importanti għad-determinazzjoni ta' dan il-każ. Dik il-Qorti għalmet illi l-inkonvenjent jissenja l-limiti tal-użu awtorizzat. Dan għandu jiġi interpretat fis-sens ta' kif dejjem ġie interpretat il-każ analogu ta' molestja f'kawżi ċivili fuq l-istess materja. Biss, criminalibus, il-limitu stabbilit m'għandux ikun biss dak applikabbli civiliter jiġifieri li jiġu eċċeduti l-miżuri ta' rigward lejn il-bwon viċinat li normalment għandhom jiġu rispettati. Fil-kamp penali hemm bżonn li l-fatt ikun jikkostitwixxi "nuisance" jiġifieri "substantial inconvenience and material discomfort".6 F'dan is-sens għalhekk l-inkonvenjent għandu jkun wieħed "gravi" u "mhux faċilment tollerabbli" ukoll kif deċiż l-appell ċivili fil-kawża fl-ismijiet "Meli vs Calleja" nhar il-5 ta' Frar 1908 ukoll ċitata fl-istess kawża. Inoltre, l-istess inkonvenjent irid ikun wieħed meqjuż bħala "kontinwu u intens". Jekk ma jikkonkorrux dawn l-elementi il-każ ma jkunx jaqa' taħt is-sanzjoni tal-liġi penali u dan għaliex altrimenti, din kienet tolqot anke każijiet t'inkonvenjent ħafif, li allura jirrendi l-ħajja soċjali kważi impossibbli. Hawnhekk l-Imħallef Harding ikompli jikkwota lill-Kollega tiegħu Ingliż Pollock fis-sentenza "Bamford vs. Turnley" deċiż fl-1862 fejn ingħad li :*

[1] Maġistrat Dottor Aaron Buġeja – datata 6 ta' Ottubru 2014

*The compromises that belong to social life, and upon which the peace and comfort of it mainly depend, furnish an indefinite number of examples where some apparent natural right is invaded, or some enjoyment abridged, to provide for the more general convenience or necessities of the whole community."*

Illi min dan l-insenjament joħroġ bil-wisq ċar li l-Onor. Qorti tal-Maġistrati ma kellhiex tasal għad-deċiżjoni odjerna, *stante* li ma kienx hemm il-provi neċessarju biex tinstab il-ħtija;

2. **Piena Eċċessiva**

Illi l-piena inflitta, tenut kont taċ-ċirkostanzi, li ser jiġu ndikati aktar l-quddiem hija waħda eċċessiva;

Illi huwa indesiderali li din il-Qorti tiddisturba l-eżerċizzju tal-ewwel Qorti, sakemm tali ma jiġix pruvat li sar b'nuqqas manifest lejn iċ-ċirkostanzi u l-aspetti partikolari tal-każ, kif effettivament jemmen li gara fil-każ in diżamina, fejn tali ipproduċa piena wisq ħarxa.

Illi dan il-prinċipju kien ġie ukoll kristallizzat fis-sentenza fil-każ **il-Pulizija vs. Joseph Attard** mogħtija mill-Onorabbli Qorti ta'l-Appell Kriminali presjeduta mill Imħallef Patrick Vella fis-26 ta' Jannar 2001, fejn il-Qorti qalet li:

*"Il-Qorti tal-Appell rarament tbiddel il-piena li tkun imponiet l-ewwel Qorti. Dan taghmlu biss meta jkun manifestament evidenti li dik il-Qorti tkun* ***imponiet xi piena mhux kontemplata mill-ligi ghar-reat in ezami, jew tkun xi piena harxa wisq jew sproporzjonata ghal dak li jkun ghamel il-hati, jew tkun xi piena mhux fil-parametri tal-ligi." 1***

Illi l-appellanti jemmen li l-ammont ta' ħamsin ewro (€50) huwa wisq *stante* li *ai termini* tal-artikolu 13 tal-Kodiċi Kriminali l-piena inflitta hija viċin ħafna tal-massimu, fejn l-appellanti ma għandhomx xi fedina penali ikkulurita anzi hija netta.

Illi fl-ewwel aggravju tieghu l-appellant jistqarr li l-ewwel Qorti ghamlet interpretazzjoni legali żbaljata tal-provi prodotti u ghalhekk sabiex din il-Qorti tkun tista tikkunsidra aggavju bhal dan trid hi stess tezamina bir-reqqa l-provi imresqa.

Rat l-affifdavit ta' **PC 1057** mahluf nhar id-9 ta' April 2023 fl-ghassa tal-pulizija ta' Haz Zebbug. Dan stqarr li nhar is-17 ta' Marzu 2023 Emerenziana Agius marret tirraporta l-girien taghha li ma kienux qeghdin jimxu mas-sentenza tal-Qorti tas-6 ta' Frar 2023 fir-rigward hinijiet tal-uzu tal-washing machine u tumble Dryer. Il-pulizija ghamlet kuntatt ma' Ramon Lautier sabiex flimkien ma' martu Jeanelle Lautier imorru ġewwa l-għassa ta' Haz Zebbug sabiex jigu mitkellma rigward l-imsemmi rapport izda minhabba cirkostanzi ta' tqala l-mara ma setghetx tmur u ghalhekk irraporta biss Ramon fejn gie mgharraf b'dan ir-rapport. Huwa gie moghti id-dritt tas-silenzju kif ukoll id-dritt li jista' jkellem avukat izda huwa ghazel id-dritt tas-silenzju u li ma jaghti l-ebda spejga fuq dan ir-rapport tal-kwerelanti.

Rat l-okkorenza esebtia fl-atti a fol 3 mmarkata bhala dok B redatt minn PC 1057 Mario Agius Carabott.

Rat il-verbal tal-Qorti tas-26 ta' Frar, 2024 fejn ordnat li ix-xhieda li tinstema f'din il-kawza ghandha tapplika ghal kaz iehor li kien hemm pendenti quddiemha fl-ismijiet **il-Pulizija vs Ramon Lautier** u li x-xhieda li tittiehed f'dik il-kawza kellha tapplika ghal din odjerna. Ordnat ukoll li z-zewg kawzi jinstemghu kontestwalament.

Rat ix-xhieda tal-parte civile **Emerenziana Agius** moghtija nhar is-26 ta' Frar 2024 u din kkonfermat li l-konjugi Jeannelle u Ramon Lautier jghixu fl-istess blokka fi Triq it-Tank, Siġġiewi. Tghid li huma joqghodu fis-sular ta' tahtha izda ghandhom washroom li tinsab fuq is-sular tal-bejt li jigi fuq il-bedroom taghha. Qalet li bil-lejl

jisntemghu hafna hsejjes tal-washing amchine u tumble dryer gejjin mill-washroom taghhom. Mistoqsija jekk kelmithomx qabel ma ghamlet ir-rapport l-ghassa tghid li kelmithom u ghall-ewwel il-washing machine kienet tahdem sa nofs il-lejl mentri wara bdew ihalluha mixghula sat-tlieta u nofs ta' filghodu kuljum mit-Tnejn sal-Hadd. Spjegat li qabel din l-kawza kienu dehru lkoll quddiem il-Magistrat Nadine Lia fejn kienu waslu ghall-arrangament li bejn l-10.30a.m u l-05.30a.m ma jistghux juzaw il-washing machine jew tumble dryer. Hija pprezentat kopja ta' dan il-verbal li gie mmarkat bhala Dok EA1. Spjegat li l-konjugi Lautier kienu ghamlu l-ewwel hmistax mid-data tal-verbal zammew mal-hinijiet izda mill-24 ta' Frar 2023 bdew ihallu t-tumble dryer tahdem sal-11.00p.m L-ghada, fil-25 ta' Frar 2023 xeghlu l-washing machine fl-4.20 a.m. Fil-5 ta' Marzu 2023 ft-3.00a.m bdiet tisma hafna speed u storbju. Konfermat li dejjem tisma l-hsejjes tal-washing machine u tumble dryer ghaddejjin fuq rasha matul il-lejl u b'hekk ma tkunx tista torqod. Ix-xhud giet murija l-okkorenza esebita fl-atti u mmarkata bhala Dok B u kkonefermat il-kontenut tieghu.

Ikkonfermat li nhar il-5 ta' Marzu 2023 regghet marret taghmel rapport l-ghassa ghaliex ghal darb ohra xeghlu l-washing machine u tumble dryer fit-3.00a.m. Fis-7 ta' Marzu 2023 it-tumble dryer baqghet ghaddejja sa wara nofs il-lejl u wara kien hemm it-tisbit u storbju. Fit 13 ta' Marzu 2023 it-tumble dryer baqghet ghaddejja sal-11.30. Fis-16 ta' Marzu 2023 l-washing machine baqghet ghaddejja sa nofs il-lejl neqsin kwart. Regghet stqarret li dan isehh ta' kuljum mit-Tnejn sal-Hadd.

In kontro-ezami tghid li hija marret tghix l-ewwel fil-blokka. Tghid li taf li s-sur Lautier ghandu washing machine fuq il-bejt u dan ghaliex kien staqsieha sabiex jghaddi minn fuqha biha.

L-imputat **Ramon Lautier** xehed minn jeddu u b'mod volontarju nhar is-26 ta' Frar 2024. Qal li mhux minnu li juza l-washing machine fit-3.00a.m ghaliex ma jistax jghamel hekk ghax pressa ma jkunx hemm is-Siggiewi. Jghid li pero jammetti li darba minnhom vera li xeghel it-tumble dryer. Qal li din ghandha function li tista' tixghelha wara certu hin. Jikkonferma li tumble dryer u washing machine wahda ghandu

jahdmu. B'hekk ghandu zewg apparati eletronici. Qal li ghandhom erbat itfal u l-mara taghmel lloads tal-hwejjeg matul il-gurnata. Ikkonferma pero li jqum ghax-xoghol fil-5.30 a.m. Qal li s-saqaf tal-bejt huwa predal u jekk jaqa' musmar tisimghu jew jekk timxi bit-takkuna tismaghha. Jghid li anke swtich jinstema. Qal li anke mis-sular tieghu jinstema l-istorbju u kieku ma joqghodx bih ghax id-damdim idejqu. Qal li mhux minnu li Emerenziana tahdem u qal li tkun id-dar hafna mill-gurnata. Ikkonferma li apparti dan ir-rapport pendenti bejniethom hemm rapporti ohra. Jaqbel li it-tumble dryer m'ghandhiex bzonn prssa biex tahdem.

**Ikkunsidrat.**

Illi hawnhekk ma hemmx kwistjoni ta' interpretazzjoni ta' ligi izda apprezzament ta' provi u cioe min hu l-iktar xhud kredibbli. Hux ix-hud tal prosekuzzjoni l-*parte civile* Emerenziana Agius jew l-imputat. Id-difiza tghid li l-*parte civile* ma hiex kredibbli izda jieqaf hemm filwaqt li fil-fehma tieghu l-imputat huwa konsistenti.

Huwa minnu wkoll kif hemm imnizzel fl-artikolu 638(2) tal-Kap 9 li x-xhieda ta' xhud wiehed biss, jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt, hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Ghalhekk jispetta lil Qorti tara liema hija l-aktar xhieda kredibbli u vero simili fic-cirkostanzi u dan a bazi ta' possibilita.

lli din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Martin Mark Ciappara**[2] fejn spjegat x'jigri meta Gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfliggenti u cioé jistghu jigru zewg affarijiet u cioé jew il-Gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ppruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timpronta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghall-piena jew ghal xi provvediment iehor.

[2] 1974 - 2 ALL ER 372 5 Moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef**[3] qalet hekk:

> *"Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja'*

Fil-kawza **Pulizija vs. Joseph Thorn** [4]deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003, il-Qorti qalet

> *"… mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal ghal konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx" (ara wkoll* ***Repubblika ta' Malta vs. Dennis Pandolfino*****[5]** *."*(Ara wkoll **Il-Pulizija vs. Patrick Mangion et**[6] , **Il-Pulizija vs. Michele sive Michael Fenech**[7] , **Il-Pulizija vs.Mohammed Mansur Ali**[8], **Il- Pulizija vs. Mario Pace**[9] (deciza fis-6 ta' Frar 2013) u **Il- Pulizija vs. Hubert Gatt**[10].

Illi l-Qorti tinnota li fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. John Pace** deciza fil-31 ta' Ottubru 2013, il-Qorti tal-Appell Kriminali irriteniet is-segwenti:

> *"Ma hemm xejn hazin illi l-Qorti tistrieh fuq xhud wiehed biss kif del resto hija ntitolata li taghmel permezz tal- Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9. Dan l-Artikolu jghid illi xhud wiehed jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-*

[3] Moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-2 ta' Frar 2012,
[4] Moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003
[5] Moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-19 t' Ottubru 2006
[6] Moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-17 ta' Settembru 2012
[7] Moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-17 ta' Settembru 2012
[8] Moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl- fl-24 ta' Jannar 2013
[9] Moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-6 ta' Frar 2013
[10] Moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil- 31 ta' Ottubru 2013

*fatt gie ippruvat minn zewg xhieda jew aktar. Naturalment din ix-xhud tkun trid tigi evalwata fil-kuntest tal-linji gwida moghtija mill-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9".*

Illi minn ezami tax-xhieda moghtija jirrizulta bic-car li x-xhieda moghtija minn Emerenziana Agius hija iktar kredibbli fic-cirkostanzi.

Id-difiza issostni li l-ewwel Qorti messha ghamlet apprezzament oggettiv tal-fatti u mhux strahet biss fuq ix-xhieda tas-sinjura Agius. F'dan ir-rigward taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell nhar it-30 ta' April 1998 fl-ismijiet **il-Pulizija vs Michael Grech** sabiex jirrizulta dan ir-reat kif dispost fl-artikolu 338 (m) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta ta' "*inkonvenjent lil xi garr dan l-inkonvenjent ghandu jkun serju fis-sens oggettiv hgandu jkun wiehed sostanzjali u mhux ragonevoli*." Ma hemmx dubju li l-inkonvenjet huwa wiehed serju tant li is-sinjura Agius sostniet li dawn il-hsejjes izommuha milli torqod.

Jigi rilevat ghal kul buon fini kif imfisser fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali nhar il-11ta' Novembru 1999 fl-ismijiet **il-Pulizija vs Godwin Cutajar** "il-kelma mistrieh *(repose* fit-test ingliz) fil-paragrafu 'm' tal-artikolu 338 tal-kap 9 tal-ligijiet ta Malta m'ghandhiex tinghata s-sinjifiat ristrett ta' '*irqad*' (bl-ingliz '*sleep*' ). Il-kelma 'mistrieh' tinludi ukoll dik it-trankwilita li normalment tigi mal-lejl u li wiehed jipprova jsib u jgawdi kemm gewwa daru kif ukoll skond ic-cirkostanzi anke barra minn daru. Li wiehed jirrilassa wara nzul ix-xemx fil-gallerija tal-appartament tieghu anke jekk tali gallerija taghti ghal fuq triq traffikuza jammonta ghall-mistrieh u jekk dan il-mistrieh jigi disturbat bi hsejjes jew ghajjat jew b'mod iehor allura jkun hemm ir-reat kontemplat fl-imsemmi artikolu 338 (m) tal-Kap 9.

Ghalhekk f'dan il-kaz din il-Qorti hija tal-fehma li s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti ghandha tigi konfermata fil-mertu.

L-appellanti ghandhom aggravju iehor ukoll dwar il-piena imposta u dan ghaliex fil-fehma tieghu kienet wahda eccessiva. Huwa għalhekk li f'dawn il-proċeduri t'appell mill-piena, dil-Qorti, in kwantu Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati trid tara jekk il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għal dik

il-piena billi tistħarreġ jekk il-piena inflitta minnha kienetx taqa' fil-parametri imsemmija fil-Liġi, jekk kienetx żbaljata fil-prinċipju jew kienetx manifestament eċċessiva.

Kif ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **<u>The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek</u>** deċiża nhar il-25 t'Awissu 2005.

> *It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra): "The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed.*
>
> *The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle."*
>
> *Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only*

*if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."*

Kif intqal aktar il-fuq fl-appell **Kandemir** u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb**, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' Appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju wara l-emanazzjoni ta' dik il-piena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta' sindakabilita tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita jew eċċessivita manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli:

a. għall-offiża in kwistjoni u

b. għaċ-ċirkostanzi tal-ħati

u mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni. Dawn il-prinċipji ġew ukoll imħadnin minn din il-Qorti, kolleġjalment komposta fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmen Butler et** deċiża nhar is-26 ta' Frar 2009 fejn ġie mistqarr ukoll is-segwenti:

Fil-verita`, dawn il-principji huma rifless tal-principju l-iehor li meta jkun hemm sentenza li tigi appellata mill-hati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel Qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-ewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti) li kien jincidi b'mod partikolari fuq ilpiena. S'intendi, kif diga` nghad, "sentencing is an art rather than a science" u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal- fatti ta' kaz ma' iehor jew tal-piena erogata f'kaz ma' dik erogata f'kaz iehor.

Il-ġurisprudenza prevalenti f'dan il-kuntest, tgħallem li meta Qorti tiġi biex teroga piena trid tieħu kont taċ-ċirkostanzi kollha li jsawru l-każ, jiġifieri dawk tal-vittmi, l-interessi tal-komunita' kollha kemm hi, kif ukoll dawk tal-ħati. F'dan is-sens, kemm il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik Ingliża tistabbilixxi li fl-eżerċiżżju ta' reviżjoni imħolli lilha, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistħarreġ appell fuq il-piena inflitta kemm billi tqis iċ-ċirkostanzi kollha prevalenti li l-Qorti tal-Ewwel Istanza setgħet kienet f'qagħda li tara, kif ukoll, skont kif imsemmi fis-sentenza Butler tqis anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti.

Issa f'dan il-każ mit-trattazzjoni quddiem din il-Qorti jirriżulta li l-parte ċivile mhux qed toggezzjona li l-imputa juza il-washing achine izda li dan isisr mhux fil-hin tal-mistrieh. Rat li din ma hix l-ewwel darba li sehh incident kon- simili u li l-*parte civile* kellha sahansitra titlob l-ghajnuna tal-pulizija u tispicca tixhed il-qorti u ghalhekk minkejja li l-fedina penali tal-appellanti hija netta l-piena imposta hija wahda *de minimis* ta' ammenda li taqa' fil-parametri tal-ligi u ghalhekk ll-piena qed tigi ukoll konfermata.

Stante dak dikjarat mill-*parte civile* quddiem din il-Qorti u cioe li ma hiex qed tippretendi li l-imputat ma juzax il-*washing machine* ma hiex ser ikkonferma l-0rdni mahruga mill-ewwel qorti ai termini tal-artikolu 377 (1) tal-kap 9 u cioe sabiex inehhi il-*washing machine* fi zmien tlett xhur mill illum pero tghamilha cara li jekk din il-Qorti ikollha appell iehor bejn il-partijiet u l-appellant jinstab hati ma jkollha l-ebda triq ohra salv li timponi l-Ordni ai termini tal-artikolu 377(1) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

**Dr Consuelo Scerri Herrera**

**Onor Imhallef**